**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Louis Attard, u detentur tal-karta tal-identità 607262M**

***Kumpilazzjoni Nru. 745/14***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Louis Attard u ċioè talli:

1. Fi Frar, 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa r-residenza tieghu gewwa 72 'Marylou', Triq Carmelo Dimech, Mosta, kkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2,329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-3 t'Ottubru, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi **Carmel Scerri**, Divisional Manager (Distribution) fi hdan l-Enemalta, spjega kif hu kien responsabbli mill-meter section inkluz l-*smart meters* u offra l-isfond ta' kif inbdew l-investigazzjonijiet dwar tbghabis fl-*smart meters*. Spjega kif waqt li kien qed jigi ttestjat meter mill-lokalita` ta' H'Attard instab li dan kien *under-registering*. F'Lulju dahhlet informazzjoni li kien hemm meter iehor li kien originarjament installat f'H'Attard li kien suspettat hu meta nqala w ittestjawh instab li anke dan kien *under-registering*. L-istess gara f'Settembru fir-rigward ta' meter iehor li kien originarjament installat fil-Fgura.[2] Skattat investigazzjoni u instab li t-tlett meters gew installati mill-istess installer u l-procedura li kienet qed tintuza sabiex issir l-*under-registering,* kienet l-istess fejn <u>ghalkemm ma</u>

[1] Fol.206
[2] Fol.21

kienx hemm raguni sabiex il-meter jinbiddel, fil-fatt dawn xorta wahda kienu qed jinbiddlu. Inzerta li waqt li kienu hawn Malta d-dizinjaturi tal-*smart meters*, il-kumpanija Taljana ENEL, dawn gew ikkonsultati u peress li kellhom maghhom strumenti necessarji, il-meters gew ezaminati u wasslu ghall-istess konkluzzjonijiet li kienu wasslu ghalihom qabel l-Enemalta meta ezaminaw l-istess meters. Gie suggerit li l-meters jintbghatu lill-Laboratorju tac-CESI u f'Settembru intbghat l-ewwel meter. Ikompli *"dawn ghaddewh minn process ta testijiet, anki fethuh, anki ccekjawh kollu u fl-ahhar ta' Settembru bghatulna dokument fejn f'dan id-dokument qed jghidulna li dan il-meter infetah, dan il-meter gie hhackjat kienu qed ibghabsulu xi haga minn gewwa u wrewna l-informazzjoni li kien hemm."* Intbghatu z-zewg meters l-ohra fejn rapport mibghut dwarhom sab li dawn il-meters gew mbghabsa bl-istess mod. [3]

Sussegwentement l-Enemalta xtrat strumenti bhal ma kienu qed juzaw l-ENEL u mill-IT Section tal-Enemalta inbeda process sabiex isir maghruf x'kien qed jigri. *"Bazikament qbadna l-installer, qbadna t-tip ta' procedura u bdew johorgu certu patterns. Flimkien mall-Interal Audit once li kellna l-informazzjoni u kellna l-istrumenti f'idejna ddecidejna li f'Jannar nibdew naghmlu t-testijiet fuq barra, jigifieri l-ewwel bdejna li ncemplu n-nies u nghidulhom li ha naghmlu t-testijiet, jigifieri li huwa fid-dmir taghna bhala Enemalta, dak iz-zmien kienet corporation illum plc, li ahna nittestjaw il-meters, u bdejna nsibu li dawn kienu underregistered. Kull darba kienu qed johorgu team ta' persuni, jittestjaw fuq il-post, johorgu dokument, u kull darba li nsibu dawn il-meters naghmluhom go evidence bags,..... beda johrog li dan kien hemm pattern, kien hemm pattern li l-meters hafna minnhom li kienu qeghdin jitwahhlu dawn kellhom initial reading, .... qabel ma jigu pogguti fuq il-post dawn kienu qeghdin jigu ttestjati, ghalhekk kien qed ikollhom l-initial reading, allura hadna decizjoni li minflok naqbdu biss il-procedura li sibna ta' dawk it-tlieta nestenduwa biex naraw liema meters kellhom l-initial reading kollha li wahhalna, u bdew johorgu li mhux biss ta' installer wiehed, u kien hemm iktar installers."*[4]

Illi **John Tonna** pprezenta l-inspection report rigward spezzjoni fir-residenza tal-imputat.[5] Prezenti ghall-ispezzjoni jirrizulta li kien hemm l-imputat, u kien instab li l-meter kien *under-registering*.[6] L-Inginier **Michael**

---

[3] Fol.22

[4] Fol.22-23

[5] **Dok.DRZ1** a fol.25 et seq

[6] Fol.25 *tergo*.

**Farrugia** kkonferma li meta gie tested il-meter, wera li ma kienx qed jirregistra l-konsum kollu.

Illi xehed l-**Ispettur Daniel Zammit** li kien ha l-stqarrija tal-imputat.[7] F'dik l-istqarrija l-imputat qal li kien Head of Accounts fi hdan l-Enemalta u li ghalkemm kien jaf kemm lil Paul Pantalleresco u lil Anthony Mifsud bhala impjegati tal-Enemalta, innega li kien konsapevoli dwar tbghabis fil-meter. Lanqas ma kien induna b'xi tnaqqis fil-konsum u innega li kien uza bhala intermedjarju lil Anthony Mifsud, kugin martu. [8]

Illi **Alan Chetcuti** in rapprezentanza tal-Enemalta ipprezentata kwerela fil-konfront tal-imputat.[9] Ix-xhud ipprezenta stima ghaz-zmien li kien ilu installat il-meter u cioe` mill-11 ta' Frar, 2011,[10] sat-12 ta' Frar, 2014, fejn kien kkalkulat li jirregistra 19.6 units ta' dawl kuljum.[11] Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li l-ammont ta' dawl mhux registrat kien ikkalkolat li jlahhaq l-ammont ta' €845.66 filwaqt li kien hemm *disconnection fee* ta' €140.[12] In kontro-ezami x-xhud jispjega li l-ammont kalkolat kien ibbazat fuq *projections* li saru wara li kien sar il-*meter test*.[13]

Illi xehed il-**Professur Cyril Spiteri Staines** li wara li ezamina l-meter esebit f'dawn l-atti kkonkluda li kellu s-sigilli nieqsin *"Wara li nfetah il-meter minn gewwa u nstab li kien hemm conductive paste fuq parti mill-meter li qed jikkaguna r-reading hazin."*[14] Illi wara li kien sar l-ezami fuq il-meter rrzulta li *"kien hemm margin ta' zball fil-konsum registrat ta' -52.77%"*.[15] Skond l-esperti jirrizulta li:

> *"1. Il-vit li jinsab fil-wicc tal-Smart Meter tnehha permess ta' ghodda specjali esebita fil-mori tal-process Pulizija vs Martin Cilia La Corte, esebit numru KA 86/16.*

[7] Fol.116
[8] Fol.9 et seq
[9] **Dok. DRZ3** a fol.47
[10] Jigi osservat li mill-istatement of account prezentat mill-Enemalta, DRZ4 a fol.49, id-data hi indikata bhala l-11 ta' Frar, 2013 u mhux 2011.
[11] Fol.43
[12] **Dok. DRZ4** a fol.49.
[13] Fol.45
[14] Fol.150
[15] Fol.158

*2. Il-kolla li tissigilla il-wicc tal-kaxxa tal-meter mad-dar tal-Smart Meter kien maqtugh permezz ta' Stanley Knife.*

*3. Il-wicc tal-Smart Meter kien probed open permezz ta' tornavit u tnehha kompletament ....*

*4. Il-printed circuit board (PCB) giet spezzjonata ghal sinjali ta' tbghabis.*

*The points C45 and C46 were found tampared by means of a substance which was applied to the two contacts thus modifying the correct operation [of] the meter's circuitry..."*[16]

Illi xehed **Paul Pantallaresco** li **kkonferma li kien biddel l-meter tal-imputat, li kien jahdem mieghu l-Enemalta**. Madanakollu jghid dan rigward l-imputat: *"Li nista' nghid **Louis Attard fuq tal-meter qatt ma tkellimt mieghu u lanqas qatt ma qalli fuq xi smart meter biex jigi imbaghbas** jew hekk jigifieri. Gieli tkellimna pero' mhux fuq dawk l- affarijiet. Lanqas ideja…. Fuq xoghol, niltaqghu filghodu jigifieri, mal-Enemalta forsi kellimtu xi hames darbiet fi tmienja w ghoxrin sena. Pero' zgur li nghidlek li qatt ma tkellimna fuq dawk l- affarijiet…. **<u>l-meter ta' Louis Attard jigifieri biddiltulu jiena, u l–meter ta' Louis Attard kien jirregistra anqas</u>**….. Le <u>kien lest il–meter, jigifieri rrangajtu jiena….</u> **<u>Le hu ma kien jaf b' xejn</u>**."* Ikompli li kien gie avvicinat minn Anthony Mifsud *"Avvicinatni persuna li huwa Anthony Mifsud, dan kellu xi haga, xi hsara fil- meter, **qalli li kellu xi <u>hsara</u> fil- meter Louis Attard, qalli biex <u>nibdilulu ghax kellu l-hsara, ghidtlu allright, qalli jekk tista' tirrangalu xi haga rrangalu</u>**….. Le qatt. Li lilu qatt ma kellimtu…..: Fethitli nahseb il-mara tieghu jiena hux…. jiena ma' Anthony Mifsud kelli x' naqsam li nidhol hemmhekk, mhux ser noqghod naghmel hafna domandi, ghax lanqas jaghmlu tajjeb ghalija hux….. Jiena zgur, is-Sur Attard lili qatt ma kellimni fuq dawn l- affarijiet u jiena lanqas qatt ma kellimtu."*[17]

Illi xehed **Anthony Mifsud** li beda jfiehem lill-Qorti kif kien jaf lill-imputat:
*Xhud: Lil Louis Attard nafu ghax mizzewweg lil kugina tieghi.*
*Spettur: Barra minn hekk inti tafu x'imkien iehor lil Louis Attard?*

---

[16] Fol.159-160
[17] Fol.181-183

*Xhud: Uhh jigifieri u konna nahdmu imma wiehed Marsa u wiehed Mosta m'ghandux x'jaqsam jigifieri imma Enemalta. Nafu jigifieri jkun fl-ghelieqi fejn inkun jien.".* [18]

Mifsud ghall-ewwel nnega li kellu xi rwol fl-installazzjoni tal-meter imbaghbas *"Fuq ta' Louis jien assolutament ma kontx involut f'xejn. … Fuq ta' Louis li qed jghidu li kellu, jien ma nafx biha dik… Tal-meter imbaghbas ma nafx biha dik jien. .. Qatt ma dhalt go fiha dik jien x'nista nghidlek?".* [19] Mifsud ma jinnegax izda li kien qabbad lil Pantallaresco jinstalla meter imbghabas ghall-konsumatur iehor, Charles Bellia *"Ghidtlu trid tkellem lil Pawlu ghax jien la ghandi x'naqsam ma' meters u la ghandi x'naqsam ma' sigilli, xejn. Dak kollox. U dhalt fiha*[20]*….. kellimt lil Pawlu u ghidtlu biex jirrangalu meter suppost.".*[21]

Ix-xhud jipprova jgieghel jitwemmen li hu qatt ma qabbad lil Pantallaresco jbiddel il-meter tal-imputat meta jghid:

*"Spettur: Mela jekk insemmilek 72, Marylou, Triq Carmelo Dimech Mosta inti x'taf tghidilna fuq dan l-indirizz?*
*Xhud: Jekk hu ta' Charlie dak ghax jien lanqas naf x'indirizz ghandu, naf li wara l-Knisja, jekk hu tieghu, jien fuq dak biss jien. …*
*Qorti: Jigifieri inti lil Louis ma missejtlu xejn….*
*Spettur: Mela taf tispjega jekk Pawlu Pantalleresco wettaq xi xogholijiet fuq il-meter ta' Louis Attard? U jekk iva x'tip ta' xogholijiet?*
*Xhud: Ma nafx assolutament. …. Ma naf xejn fuqha din. Ma rajt xejn u ma smajt xejn. …Bilkemm naf fejn joqghod Louis avolja mizzewweg lil kugina tieghi, bis-serjeta' qed nghidlek."*

Meta kkonfrontat b'dak li xehed Pantallaresco fejn semma li kien hu li inkarigah ibiddel il-meter tal-imputat jerga' jinsisti li *"Mhux veru le.*
*Qorti: Qed jigdeb Pantalleresco.*
*Xhud: Iva mhux veru xejn fuq ta' Louis. M'ghidtlux biex jaghmillu meter.*
*Qorti: Mela x'ghidtlu, ghidtlu xi haga? Ghax dan ghalfejn semmiek?*
*Xhud: M'ghidtlux biex jaghmillu meters imbaghbsin jew hekk xejn xejn lil Louis jien.".*[22] Sussegwentement fuq domanda tad-difiza jikkoregi ruhu u

[18] Fol.251-252
[19] Fol.252
[20] Fol. 253
[21] Fo. 254
[22] Fol. 255

jammetti li kien minnu li baghat lil Pantallaresco jbiddel il-meter ta' Attard izda mhux li jaghmillu wiehed imbghabas *"Xejn ghidtlu ghandu xi hsara mur ibdilulu. Mhux jaghmillu meters imbaghbsin ….. Ehe imma ghax kellu l-meter bil-hsara jew kellu xi hsara jibdilulu. M'ghidtlux biex jaghmillu meters imbaghbsin."*[23]

Madanakollu jibqa ma jigix ppruvat, mid-difiza, imqarr sal-grad tal-probabbli, dwar il-htiega li dan il-meter jinbiddel jew li minn tal-inqas li dak il-meter li tbiddel kellu xi hsarat u li dawn kienu r-ragini ghaliex kellu jitbiddel. Lanqas ma nghatat spjegazzjoni ghaliex kellu jkun Mifsud li jitlob li meter jitbiddel meta l-imputat, jekk kien minnu li l-meter kellu bzonn jinbiddel, seta' ghamel talba biex ikun hemm dan it-tibdil skond il-procedura mhaddma mill-Enemalta stess!! X'kellu bzonn jinvolvi lil Mifsud?

Jinghad mill-ewwel li l-Qorti mhux qed temmen lil Mifsud. Il-komportament ta' Mifsud fuq il-pedana tax-xhieda jittradieh hekk kif deher bic-cjar li kien qed jixhed b'diffikulta`. Fejn ghall-ewwel sahansitra jghid li ma kellu ebda rwol fil-bdil tal-meter ta' Louis Attard u li bilkemm jaf fejn joqghod, madanakollu altru` li gie pruvat li l-meter tbiddel u dan meta fi kliem Pantallaresco *"jiena ma' Anthony Mifsud kelli x' naqsam li nidhol hemmhekk"*.[24]

Ma kien hemm ebda raguni ghaliex Mifsud hass li kellu jiehu l-inizjattiva sabiex jitbiddel meter ta' kugintu li kien bi hsara (kliem anke ta' Pantalleresco). Mill-banda l-ohra tqis ix-xhieda ta' Pantalleresco bhala wahda li ghandha mis-sewwa. Dan ix-xhud illum ma kellu ebda raguni sabiex jigdeb u filwaqt li x-xhieda tieghu tiskolpa ghal kollox lill-imputat, b'dak li jixhed jinvolvi lil Mifsud fejn jaghti x'jifhem li kienet inizjattiva ta' Mifsud li fir-residenza ta' Attard jitwahhal meter imbghabas! Ix-xhieda ta' Mifsud ghalhekk qed tigi skartata; la hi wahda *safe* u lanqas *satisfactory*, izda wahda li ghandha mill-assurd u nieqsa minn kull ombra ta' kredibilita`.

Illi jmiss li jigu kkunsidrati l-akkuzi rispettivi.

---

[23] Fol. 256-257

[24] Fol.183

*Serq ta' Elettriku: L-ewwel Imputazzjoni*

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Tabone** fejn gie deciz:[25]

Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:

"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies **sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju**, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela**, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."

Issa l-fatt illi is-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz……

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata **"din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett."** Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh. [emfazi tal-Qorti]

Illi maghdud dan kollu u mill-provi prodotti mhemmx dubbju li l-meter, registrat fuq l-imputat, kien gie tampered u li b'konsegwenza kien under-registering; il-konsum ta' dawl mhux registrat instab li kien ta' *-52.77%"*.[26]

Difficli li l-Qorti tasal temmen li l-imputat, ir-*registered consumer*, sahansitra Head of Accounts fi hdan l-Enemalta,[27] ma kienx qed jintebah b'kontijiet orhos u orhos b'aktar minn nofs!
Kif jista' jitwemmen li Mifsud, kugin ta' martu li xehed li Attard kien ikun mieghu fl-ghelieqi, kien ser jasal jinkariga bniedem biex jinstalla sistema

---

[25] Onor. Magistrate Dr. Edwina Grima; Dec. 18.03.2010. Vide ukoll sentenza tal-istess Qorti **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, dec. 13 ta' Jannar 2011 u **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et d**ec. 20.06.2013.

[26] Fol.158

[27] Fol.9

f'dar kugintu li permezz taghha jigi kkunsmat is-serq ta' kurrent t'elettriku? Kif qatt jista' jkun li filwaqt li kien Mifsud li ppresta ruhu u ha l-inizjattiva biex jigi rrangat meter li skond Pantallaresco u l-istess Mifsud kellu xi hsara – **liema hsara ma gietx lanqas remotament ippruvata u baqa' ma giex maghruf ghaliex inhasset il-htiega li jinbiddel il- meter** – dan ghamlu minn jeddu ghax hekk fettillu? Ghaliex ried jaghmel azzjoni daqshekk hazina mal-imputat u kugintu li jasal jiehu l-inizjattiva, minghajr il-kunsens taghhom u partikolarment tal-imputat bhala r-*registered consumer*, li jikkonducihom fuq l-ghatba tal-kriminalita`? X'interess seta' kellu Mifsud biex ikun hemm meter jirregistra' anqas fid-dar ta' kugintu? Meter registrat fuq zewgha li kellu kariga hekk gholja fl-Enemalta? Mifsud kien impjegat mal-Enemalta u ghalhekk zgur kien konxxju fuq ir-riperkussjonijiet li jispettaw il-*registered consumer* f'kaz ta' meter tampering; ghaliex wasal jaghmel din il-vendikazzjoni ma membri ta' familtu?

X'gieghel lil Attard ma jirrikorrix ghal mezzi legittimi u ghal proceduri li jirrikorru ghalihom il-pubbliku in generali f'kaz li meter ikun garrab xi hsarat? Certament hu kien iktar ivvantaggjat tenut kont tal-posizzjoni tieghu u ghalhekk zgur li ma kellux ghalfejn jiddependi fuq Mifsud sabiex jara kif jaghmel biex ibiddillu l-meter meta fi kliem l-istess Mifsud:
*"Spettur: Inti fil-gerarkija li kontu tahdmu Pantalleresco kien jigi tahtek, fuqhek, parigg mieghek?*
*Xhud: Le jien mina xejn jien.".*[28]

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li l-imputat altru li kien jaf bil-fatt li l-meter li kien gie installat gewwa daru kien *under-registering*. Kien ikun hafna ahjar kieku d-difiza baqghet ma resqitx lil Mifsud jixhed ghaliex bix-xhieda tieghu, u ghar-ragunijiet li l-Qorti tista' biss tispekula dwarhom, hu pprova jiskolpa lill-imputat billi jerfa' l-madmad hu!

Tali tentattiv minn Mifsud falla ghaliex ma jaghmel ebda sens li filwaqt li talab li jinbiddel il-meter biex jaghmel pjacir lil kugintu u lil zewgha, istantanjament u minn rajh jghid lil Pantallaresco iwahhlilhom meter imbghabas. Lanqas ma jaghmel sens u huwa priv minn kull dell ta' buon sens li persuna thalli lil persuna ohra jwahhal meter iehor u dan meta – skond dak li jirrizulta mill-atti – ma giet murija ebda htiega ghal tali bdil.

[28] Fol.257

Minn imkien ma jirrizulta illi kien gie rappurtat gie hsara f'dak il-meter u li b'konsegwneza kien jehtieg li jigi mibdul! Jigi mfakar dak li xehed Carmel Scerri meta zvela kif l-Enemalta rrealizzat kemm kien mifrux l-abbuz meta intebhet li kienu qed jigu mibdula meters minn installers partikolari minghajr ma ntwera xi htiega ghal tali bdil.[29]Iktar minn hekk jghaddu 3 snin (jirrizulta li l-meter twahhal fl-2011) u ma jigi nnutat ebda rohs f'kontijiet jew addiritura li l-meter gie mibdul!

Illi fl-ahhar nett timmilita favur is-sejbien ta' htija tal-imputat, hemm il-presunzjoni li jipprovdi ghaliha l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**:[30]

Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin –minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* **li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm)** serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, **kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu**. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.

**Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu**. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu ghal tul ta' zmien, kif imputat lilu fl-ewwel akkuza, jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellhu tul il-medda taz-zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu bil-ghan li jipprova li ma kienx qed jikkonsma

[29] Fol.22

[30] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

mal-19.6 units ta' dawl kuljum.[31] Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

Illi ma tista qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju kkalkolat minn Frar 2011, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li "*onus probandi incumbit qui osservit*".[32]

Illi sakemm il-ligi ma tkunx tipprovdi ghall-*praesumptio juris tantum* simili ghal dik fl-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali appena citat, li twassal ghal kif ghandu jigi komputat konsum mhux registrat, jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sa dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravju tal-valur ma giex sodisfaccentement ippruvat.

***Korruzzjoni: It-Tieni Imputazzjoni***

Ser tigi kkunsidrata it-tieni imputazzjoni, dik ta' komplicita` fil-korruzzjoni ta' ufficjal jew impjegat pubbliku.

Ghalkemm Pantalleresco – impjegat fis-settur pubbliku- jikkonferma li kien wettaq *meter tampering* fir-residenza tal-imputat, meter li kemm hu kif ukoll l-esperti jikkonfermaw li kien gie mbghabas, **jichad li qatt gie mhallas jew mqabbad mill-imputat. Anzi jghid li qatt ma tkellem mal-imputat sabiex il-meter jigi mbghabas.**[33]

Illi ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** fejn il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami *funditus* dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali:[34]

---

[31] Fol.43

[32] **Manzini**, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

[33] Fol.181

[34] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 30.06.2010 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.[35]

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.[36]

3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.[37]

Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta'limpieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "***The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.***"

Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:

**"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal- Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."**

Illi l-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar l-Enemalta, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[38] li kien fis-sehh fiz-zmien tar-reati addebitati lill-imputat, kien jipprovdi: ***"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".*** Mhemmx dubbju ghalhekk li Attard, Mifsud u Pantalleresco lkoll kienu jikkwalifikaw bhala ufficjal jew impjegati pubblici.[39]

---

[35] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982).

[36] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)

[37] Vide ukoll Il-**Pulizija v. Alfred Demicoli** (Appell, Deciza 2 ta' Mejju 1985)

[38] Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta,* Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014.

[39] Vide Xhieda Patrick Gauci fol.220 et seq: Anthony Mifsud kien impjegat mal-Enemalta sa mill-16 ta' Mejju, 1987, filwaqt li Louis Attard kien ilu impjegat mal-Enemalta sa mis-16 ta' Mejju, 2005 u Paul Pantallaresco sa mill-1 ta' Jannar 1992.[39]

Dwar it-tieni element, il-persuna li tikkwalifika bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, trid tkun irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u li dawn ma jkunux dovuti skond il-ligi. Pantallaresco xehed li ma kien hemm ebda flus involuti minghand l-imputat (jew xi terz iehor) u ghamel li ghamel semplicement ghax kien kellmu Mifsud.[40]

Tenut kont li hemm mankanti dan it-tieni element essenzjali sabiex jissussisti r-reat ta' korruzzjoni, il-Qorti tqis li ma baqax il-htiega li jigu ezaminati r-rekwiziti l-ohra li jsawwru dan ir-reat. Jirrizulta ghalhekk li t-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata u li ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minnha.

### *Konkussjoni: It-Tielet Imputazzjoni*

Illi tajjeb issir distinzjoni bejn ir-reati ravvizati bl-artikolu 115 (dak ta' **korruzzjoni**) u dak bl-artikolu 112 (il-**konkussjoni**), it-tieni imputazzjoni. Mill-mod xejn felici li biha giet redatta l-akkuza, Attard gie akkuzat li kkorrompa u kien kompliċi fil-konkussjoni li twettqet minn ufficjal jew impjegat pubbliku (Pantallaresco).

Issa l-element essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni hu n-natura bilaterali ta' l-istess reat li timplika neccessarjament l-attivita` pozittiva ta' persuna ohra sabiex jissusisti dak ir-reat. Hemm il-htiega li jkun hemm kemm il-persuna tal-korrott [l-ufficjal pubbliku], kif ukoll dik tal-korruttur (f'dan il-kaz l-imputat), u cioe` tal-persuna li toffri jew li taccetta li taghti xi rigal jew flus jew weghda ta' rigal jew utli iehor sabiex tikseb beneficcju ghalija jew ghal persuna ohra bl-intervent tal-ufficjal pubbliku li jkun gie korrott.

Dan kollu jimplika illi l-**korruttur irrid ikun involut xjentement u konsenswalment fl-azzjonijiet li jikkostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni**. Inkella jekk dan ma' jkunx il-kaz u jirrizulta illi jkun l-ufficjal pubbliku li ressaq talba ghall-hlas illecitu lill-persuna ohra [sabiex jaghmel xi haga fl-ambitu tal-kariga tieghu] liema persuna pero ma' tikkondividix u ma' taqbilx illi taghmel dan, allura f' tali sitwazzjoni **ikun l-ufficjal pubbliku biss illi kkometta azzjoni kriminali** billi dan ikun ittenta jikkometta jew

[40] Fol.182

ikkometta nfrazzjoni kontra l-ligi kif mahsuba fl-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – **il-konkussjoni**.

Dwar ir-reat ta' konkussjoni l-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe:[41]

> *"1. The public character of the offender;*
>
> *2. The unlawful exaction; u*
>
> *3. The colour of office."*
>
> It is, in the first place necessary that the offender be an officer or employee of a public administration or a person employed by or under the Government.

Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Faure**:[42]

> It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:
>
> **"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."**
>
> L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-*reo*, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.
>
> L-appellant isostni illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta ghaliex gie skopert li kien intbaghat cekk personali lill-appellat fl-Enemalta ghal Stg150. Izda l-artikolu 112 jitkellem dwar min "jesigi" (fit-test Ingliz *"exact"* – li jfisser *"to compel"*, *"to demand"*, *"to force"*, ecc.). Minn imkien ma jirrizulta li l-appellat "esiga" pagamenti. ......
>
> B'referenza mbaghad ghat-tielet element, il-Prof. Mamo jikkummenta[43]: *"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."* [sottolinejar tal-Qorti]

[41] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 80

[42] Onor Imhallef Dr. David Scicluna, Appell Numru 251/2007; Deciza 08.06.2007

[43] Pagna 82

Illi **F. Antolisei**[44] jghid dan dwar ir-reat ta' konkussjoni, fejn anke jiddistingwieh mir-reat ta' storn jew 'peculato':

> "… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`».
>
> In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato *plurioffensivo*.
>
> *A). Soggetto attivo* del delitto era in passato soltanto il pubblico ufficiale e non l'incaricato di un pubblico servizio. Tale limitazione fu oggetto di critiche e poiche` era tutt'altro giustificata, la legge 26 aprile 1990, n.86 ha provveduto a inserire tra I soggetti attivi anche gli incaricati di pubblici servizi.
>
> *Soggetto Passivo*, oltre alla pubblica Amministrazione, e' la persone che subisce il danno particolare derivante dall'azione criminosa. La legge indica tale persona col termine «taluno», termine che comprende non solo il privato, ma anche le persone investite di mansion di interesse pubblico, di qualsiasi categoria e grado e persino gli enti pubblici….
>
> *C).* L'abuso di cui si e` parlato deve avere per effetto *il costringimento* o *l'induzione* della vittima alla dazione o promessa a cui tende il funzionario. A second ache si verifichi l'uno o l'altra si parla in dottrina di «concussione esplicita» e di «concussione implicita»…..
>
> *D)* Il costringimento o l'induzione deve avere per effetto una *dazione* o *promesssa indebita*….
>
> Per l'incontro il delitto *de quo* deve escludersi nel caso che la prestazione sia dovuta alla pubblica Amministrazione. Il funzionario che la ottenga con abuso dei suoi poteri, rispondera` di peculato se la converte in proprio profitto, mentre se nessun vantaggio personale trae dalla sua azione, incorrera` in sanzioni disciplinari, non essendo possibile ravvisare nel fatto gli estremi del reato di cui all'art.323 (abuso d'ufficio), specie quando esso e` dovuto ad eccesso di zelo. [sottolinejar tal-Qorti]

Fit-**Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III** jinghad:

> *"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale.*
>
> *Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi l-avida*

[44] **F. Antolisei**, Manuale di Diritto Penale parte Speciale -II, p. 293-300. Undicesima Edizione, Giuffre Editori (1994).

*procacita del funzionario che si colpisce;* ***e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita****.* ***Colui che da' o prommette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato****.*

*Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede.*

*……****Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA.****"* [sottolinejar u emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk is-suggett passiv fir-reat taht l-artikolu 112 qatt ma jista' jiffigura bhala komplici izda biss bhala vittma, altrimenti l-kondotta tas-suggett passiv tinkwadra ruha **f'komplicita` fir-reat ta' korruzzjoni ai termini tal-artikolu 120** tal-Kodici Kriminali, kif irrizulta fil-kaz in dizamina. Hu precizament minhabba dan l-element li l-artikolu 120 tal-Kodici ma jinkludix ukoll l-artikolu 112 (u fuq l-istess ragunament dak ta' storn taht l-artikolu 127), bhala reati, li fihom jinkwadra l-persuna tal-komplici.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard:**[45]

Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi" li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull ufficjal jew impjegat f'amminstrazzjoni pubblika u/jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, jew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux, jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi* ***taht l-libsa tal-kariga tieghu, jesigi*** *dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi…"*

Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. .....

Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku.

B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.

Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-

[45] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 28.02.2005 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din id-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.

**It-tieni element** huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.

Skond il-**Professur Mamo**:

*"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."*

Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut

lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.

Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.

Skond l-awtur Taljan **Maino**:

*"Il reato di consussione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o alter contribuzioni."*

**Fit-tielet lok**, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu **fil-qadi ta' dmirijietu**. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minn taghha fl-ismijiet: **Il-Pulizija v Geraldo Sacco**[46] ukoll kellha okkazzjoni tiddistingwi l-elementi sostantivi tar-reat tal-konkussjoni (l-artikolu 112) u dak tal-korruzzjoni (l-artikolu 115):

Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi **taht "il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu".** Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu ma ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet

---

[46] Onor. Imhallef Dr. J. Flores, Deciza 11.12.1956;

tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli fis-seduta tal-LKunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet l-art.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;

Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret that il-kulur tal-kariga, irid ikollha **l-apparenza ta' legittimita`,** u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu mhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed that it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "juris colore quaesito", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; **<u>u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";</u>**

Hekk Roberti (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element tal-konkussjoni il-"colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione" jghid:- <u>"Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussione dalla corruzione";</u> u jattribwixxi d-diversita` tal-piena bejn reat u iehor".....al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte". U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- <u>"la concussion….elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du"</u>;… [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Mhemmx dubbju li mill-fatti specie tal-kaz in dezamina ma giet pruvata ebda ezazzjoni da parti ta' Pantallaresco!

Lanqas ma kien hemm ebda apparenza ta' legittimita` f'dak li kien gie mitlub jaghmel Pantalleresco, u ghalhekk qatt ma tista' tirrizulta l-konkussjoni (u xi forma ta' komplicita` fl-istess delitt). Dak li sar permezz ta' Pantallaresco qatt ma seta' jinfthiem li kien qed issir taht *"il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu"!*

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gja maghmula, l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

***Storn: Ir-Raba Imputazzjoni***

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bhala <u>komplici u korruttur fl-istorn mwettaq minn Pantallaresco.</u> L-element essenzjali ghal dan ir-reat

ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciza nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[47], fejn il-Qorti rriteniet:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-<u>ufficjal pubbliku</u> japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[48]

> *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, il-Qorti Kriminali ddikjarat:[49]

> Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza **"Rex vs Brincat"**deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` **<u>anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu</u>**…..
>
> Illi fil-kaz **"Rex vs Victor Fava"** deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal

[47] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima
[48] Deciza 13.03.1998, App. Krim.
[49] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.

Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).

Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk **mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga.** Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;

……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu **ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali**; **u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor**. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.

…Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom….

Illi ghalhekk la darba tonqos dik i-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba, zgur li qatt ma tista' tinstab htija dwar din l-imputazzjoni tenut kont li l-*meters*, il-haga stornata, qatt ma kienet taht idejn l-imputat u wisq inqas ma kienet fdata lilu in forza tal-ufficju tieghu.

Illi anke fir-rigward tar-reat ta' storn, is-suggett passiv qatt ma jista' jiffigura bhala komplici izda biss bhala vittma, altrimenti l-kondotta tas-suggett passiv tinkwadra ruha **f'komplicita` fir-reat ta' korruzzjoni ai**

**termini tal-artikolu 120** tal-Kodici Kriminali, liema artikolu ma jinkludix l-artikolu 127 bhala reat li fihom jinkwadra l-persuna tal-komplici.

Izda ghalkemm l-imputat kjarament hu ufficjal pubbliku fit-tifsira tal-artikoli 141 u 92 tal-Kodici Kriminali, u dan tenut kont ta' dak li kien jipprovdi l-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar l-Enemalta, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[50] dawn l-artikoli ma gewx indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Michael Carter** (07/12/2001), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Il-Qorti ghalhekk hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar. Kwindi l-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota.[51]

Illi fir-rigward tal-piena l-Qorti qiset in-natura serja tar-reat li qed tinstab htija dwaru, is-serjeta` ta' liema tiskatta mill-fatt li r-reat sar ghad-detriment tal-employer tieghu. Hu bhala Head of Accounts fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta kellu obbligu jittutela l-interessi tal-Enemalta izda minflok u permezz ta' terz ra kif ghamel biex jisfa' misruq l-istess employer. F'dan kollu u b'makkakerija hu baqa' figura mistura; minghajr ma jidher imkien kien astut bizzejjed biex uza lil kugin ta' martu, Anthony Mifsud, sabiex jitqabbad Pantallaresco biex jinstalla sistema li permezz

[50] Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta*, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014).

[51] App. Krim. **Il-Pulizija vs. Peter Borg** [10.11.2005]: *"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim* ***Il-Pulizija vs. Omissis u Carmelo Agius*** *[24.5.2002];* ***Il-Pulizija vs. Emmanuel Camileri et*** *[23.11.2001];* ***Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et*** *[20.3.2003];* ***Il-Pulizija vs. Michael Carter*** *7.12.2001] u ohrajn.) Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill-appellat kif ghamlet".* Vide wkoll **Il-Pulizija vs Joseph Cauchi** [07.02.2013]; - Qorti tal-Magistrati(Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Saliba** [20.10.2010]

taghha l-id li kienet tipprovdi l-ghixien tieghu ta' familtu, tigi derubata. Il-Qorti wara li qiset anke il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz ma tarax li ghandha tinghata piena karcerarja galadarba jirrizulta li Attard hu *first-time offender*.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(b), 263, 264, 278, 283, u 283A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni (izda minghajr l-aggravju tal-valur), tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah ghal erbatax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tmienja u ghoxrin xahar millum.

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' €140 rapprezentanti kumpens sofferti mill-parte leza.[52]

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[52] Disconnection fee ta' €140; Vide **Dok. DRZ4** a fol.49.